# 26. Is-Sliem

Ix-xemx niżlet bil-ġebla tal-ħaffiefa
biex tillostra
wiċċ il-baħar
imqalleb
tad-daħla tax-Xemxija.
U ħakket u ħakket u ħakket,
u bdew jgħibu
bil-mod il-mod
it-tajn u l-ħama,
l-alka u r-ragħwa
li l-maltemp
tella' mill-qiegħ.
U ħakket u ħakket u ħakket,
u feġġ il-ġerla
imdawwar bl-abjad
imdardar tar-ramel;
u ssoktat tħokk u tgħaddi,
u feġġ il-blu u l-aħdar,
l-aħmar u l-vjola,
imħallta ma' xulxin
madwar il-perla;
u baqgħet tħokk u tgħaddi
sakemm
il-baħar sar kristall,
u feġġ il-qiegħ
biċ-ċagħaq samrani
u l-blajtiet qastnin,
bil-ħaxix aħdar u vjola,
bir-ramel abjad,
u kollox ċar u jiddi
kif jidhru t-tikek żgħar
bojod u suwed
fil-vini mlewna
tal-paviment tar-rħam f'palazz irjali
wara li tgħaddi bla mistrieħ
għal tmint ijiem
il-mola tal-marmist.
Qalb il-ħaxix
il-ħut ferħan
beda jirgħa u jinnamra
mingħajr serħan.
U qalb iċ-ċagħaq tal-plajja
il-mewġiet ċkejkna

bdew ipespsu
bħall-għasafar tal-bejt ġewwa r-rewwieħa.

Sabiħ is-Sliem!
u ħelu wiċċu
bi ħlewwa mingħajr qies!
Minn ġewwa għajnejh
joħroġ biss ħars ħelu;
minn fommu
iġelben biss kliem meqjus,
u d-dija ta' ħaddejh
turi t-tjubija
ta' qalbu!

Alla ħanin, meta
sa tibgħat il-qaddis tiegħek f'pajjiżna
bil-ġmiel tas-sliem
kif bgħatt ix-xemx illum?